IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.10.2022
COM(2022) 670 final

2022/0212 (BUD)

# ITTRA EMENDATORJA Nru 1 GĦALL-ABBOZZ TAL-BUĠIT ĠENERALI GĦALL-2013

**Miżuri addizzjonali biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-gwerra Russa fl-Ukrajna**
**Tisħiħ tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili**
**Ħtiġijiet stmati aġġornati għan-nefqa agrikola**
**Aġġustamenti oħra u aġġornamenti tekniċi**

MT MT

Wara li kkunsidrat:

– it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

– Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea[1], li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021,

– Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (...)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 42 tiegħu,

– l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023, kif adottat mill-Kummissjoni fl-1 ta' Lulju 2022[3],

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-Ittra Emendatorja Nru 1 tal-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023 għar-raġunijiet stabbiliti fil-memorandum ta' spjegazzjoni.

## BIDLIET FIR-RAPPORT TAD-DĦUL U N-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA

Il-bidliet fir-rapport ġenerali tan-nefqa u d-dħul kif ukoll fir-rapporti tad-dħul u n-nefqa skont it-taqsima huma disponibbli fuq EUR-Lex (https://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm). Verżjoni bl-Ingliż tal-bidliet f'dan ir-rapport hija mehmuża għall-informazzjoni bħala anness baġitarju.

1 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2014/335/UE, Euratom, ĠU L 424, 15.12.2020.

2 ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

3 COM(2022) 400 final, 1.7.2022.

# WERREJ


1. INTRODUZZJONI ... 3

2. MIŻURI ADDIZZJONALI FIR-RIGWARD TAL-UKRAJNA ... 4

2.1 GĦAJNUNA UMANITARJA ... 4

2.2 ERASMUS+ ... 5

3. KOSTIJIET TA’ FINANZJAMENT TA’ NEXTGENERATIONEU ... 5

4. TISĦIĦ TAL-KAPAĊITÀ TA’ RISPONS TAL-UE GĦALL-KRIŻIJIET FIL-ĠLIEDA KONTRA N-NIRIEN FIL-FORESTI ... 6

5. TISĦIĦ TAL-INDUSTRIJA TAD-DIFIŻA EWROPEA PERMEZZ TAL-ATT DWAR L-AKKWIST KOMUNI (EDIRPA) ... 7

6. FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA (FAEG) ... 7

7. AĠĠORNAMENT TAL-FTEHIMIET TA’ SĦUBIJA DWAR SAJD SOSTENIBBLI ... 8

8. ĦTIĠIJIET ADDIZZJONALI F’APPROPRJAZZJONIJIET TA’ PAGAMENT GĦALL-KOEŻJONI ... 9

9. NEFQA TA’ SOSTENN AMMINISTRATTIV TAL-PROGRAMMI ... 9

10. AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI U L-UFFIĊĊJU TAL-PROSEKUTUR PUBBLIKU EWROPEW ... 11

10.1 L-AĠENZIJA TAS-SIKUREZZA TAL-AVJAZZJONI TAL-UNJONI EWROPEA (EASA) ... 11

10.2 L-AĠENZIJA EWROPEA GĦALL-AMBJENT (EEA) ... 11

10.3 L-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAT-TAĦRIĠ FL-INFURZAR TAL-LIĠI (CEPOL) ... 12

10.4 L-UFFIĊĊJU TAL-PROSEKUTUR PUBBLIKU EWROPEW (UPPE) ... 12

10.5 TRASFERIMENTI MIR-RIŻERVI GĦAL-LINJI OPERAZZJONALI TAL-AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI MINĦABBA L-ADOZZJONI TA’ ATTI LEGALI. ... 12

11. AĠĠUSTAMENTI GĦALL-INTESTATURA 7 “AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA EWROPEA” ... 13

11.1 AĠĠORNAMENT TAS-SALARJI GĦALL-ISTITUZZJONIJIET U L-PENSJONIJIET KOLLHA ... 13

11.2 CERT-UE ... 19

12. MODIFIKA ADDIZZJONALI TAN-NOMENKLATURA BAĠITARJA U KUMMENTI BAĠITARJI ... 21

13. FINANZJAMENT ... 21

14. TABELLA FIL-QOSOR SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP ... 22

## 1. INTRODUZZJONI

L-Ittra Emendatorja Nru 1 (IE 1/2023) għall-abbozz tal-baġit għall-2023 (AB 2023) tkopri l-elementi li ġejjin:

- Tisħiħ tal-għajnuna umanitarja, bħala rispons urġenti għall-konsegwenzi tal-gwerra Russa fl-Ukrajna, inkluż għall-kriżi tal-ikel li rriżultat. Fin-nuqqas ta' marġni fl-intestatura 6 (Il-Viċinat u d-Dinja), din teħtieġ il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà;
- Il-frontloading ta' Erasmus+ biex jiġu appoġġati l-istudenti u l-għalliema li qed jaħarbu mill-Ukrajna, filwaqt li jiġi kkombinat l-użu tal-marġni sħiħ li jifdal fis-subintestatura 2b (Reżiljenza u Valuri) u l-Istrument ta' Flessibbiltà;
- Tisħiħ tal-linja tal-imgħax għal NextGenerationEU, fl-isfond taż-żieda fil-kostijiet tal-imgħax fis-swieq, billi tiġi mobilizzata parti mill-Istrument ta' Marġini Uniku;
- Finanzjament għat-Tisħiħ tal-industrija tad-difiża Ewropea permezz tal-Att dwar l-Akkwist Komuni (EDIRPA), li jikkombina l-użu tal-marġni sħiħ li jifdal fl-intestatura 5 (Sigurtà u Difiża) u l-Istrument ta' Flessibbiltà;
- Il-frontloading u t-tisħiħ tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM) biex ikopri l-kiri ta' ħelikopters u ajruplani ħfief għas-sajf tal-2024 u biex jitħaffef l-akkwist tal-flotta tal-ajru permanenti tar-rescEU, li jirrikjedi l-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà;
- L-aġġornament tal-ħtiġijiet stmati, id-dħul assenjat u l-approprjazzjonijiet għan-nefqa agrikola. Minbarra l-fatturi tas-suq li dejjem jinbidlu, l-IE 1/2023 tinkorpora wkoll l-impatt tad-deċiżjonijiet fis-settur tal-agrikoltura minn meta ġie adottat l-AB 2023 f'Lulju 2022 kif ukoll proposti oħra li huma mistennija li jkollhom effett sinifikanti matul is-sena baġitarja;
- Aġġornament tal-ħtiġijiet stmati għall-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPAs), filwaqt li jitqies id-dħul fis-seħħ ta' protokoll ġdid ma' Mauritius;
- Żieda fil-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament biex jiġi rifless l-impatt tal-proposta FAST-CARE fuq il-ħtiġijiet ta' pagament għall-Koeżjoni fl-2023;
- Aġġustamenti għal-livell ta' approprjazzjonijiet u/jew persunal tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA), l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) filwaqt li jitqiesu l-aħħar żviluppi leġiżlattivi jew politiċi tal-operazzjonijiet tagħhom għall-2023;
- Aġġustamenti fir-rigward tal-finanzjament tal-membri tal-persunal esterni minn linji ta' appoġġ amministrattiv tal-programmi, b'mod partikolari biex titqies iż-żieda fl-ammont ta' xogħol;
- Aġġustamenti għall-intestatura 7 "Amministrazzjoni Pubblika Ewropea", b'mod partikolari fir-rigward tal-impatt tal-aġġustament tas-salarji l-aktar baxxi għall-2022 fuq in-nefqa amministrattiva u l-pensjonijiet wara stimi aġġornati dwar l-inflazzjoni u l-kapaċità tal-akkwist meta mqabbla mal-parametri użati fit-tħejjija tal-AB 2023. Barra minn hekk, qed jiġi propost li tissaħħaħ is-CERT-UE permezz ta' trasferiment minn Istituzzjonijiet oħra;
- L-aġġustamenti fin-nomenklatura baġitarja u fir-rimarki tal-baġit b'mod partikolari wara l-proċedura leġiżlattiva għall-proposti REPowerEU.

B'mod ġenerali, l-impatt nett tal-IE 1/2023 fuq in-nefqa fl-AB 2023 huwa żieda ta' EUR 758,3 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u żieda ta' EUR 2 394,9 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament, li jistgħu jinqasmu fil-komponenti li ġejjin:

*(F'miljuni ta' EUR)*

| Programm | Approprjazzjonijiet ta' impenn | Approprjazzjonijiet ta' pagament |
|---|---|---|
| Għajnuna Umanitarja | 150,0 | 120,0 |
| Erasmus+ | 100,0 | 80,0 |
| Strument ta' difiża għal żmien qasir | 157,0 | 72,0 |

*(F'miljuni ta' EUR)*

| Programm | Approprjazzjonijiet ta' impenn | Approprjazzjonijiet ta' pagament |
|---|---|---|
| Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili | 41,4 | 70,0 |
| Linja tal-imgħax tal-EURI | 450,0 | 450,0 |
| Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) | 0 | 0 |
| SFPAs | 0 | 0 |
| Valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' pagament għall-Koeżjoni | 0 | 1 743,0 |
| Aġġornamenti għall-aġenziji deċentralizzati | 0 | 0 |
| Aġġustamenti taħt l-intestatura 7 | -140,1 | -140,1 |
| **Total** | **758,3** | **2 394,9** |

Aktar informazzjoni dwar kull komponent hija pprovduta fit-taqsimiet li ġejjin.

Il-linji baġitarji rilevanti huma dettaljati fl-anness baġitarju, flimkien mal-aġġornament tad-dħul li jirriżulta fost l-oħrajn mill-bidliet fin-nefqa inklużi f'din l-ittra emendatorja.

## 2. MIŻURI ADDIZZJONALI FIR-RIGWARD TAL-UKRAJNA

Sa issa, it-Tim Ewropa b'mod ġenerali mobilizza aktar minn EUR 19-il biljun f'appoġġ finanzjarju, baġitarju u f'assistenza umanitarja lill-Ukrajna, flimkien mal-appoġġ militari. Fl-AB 2023, il-Kummissjoni ħabbret li miżuri addizzjonali fir-rigward tal-konsegwenzi tal-invażjoni tal-Ukrajna mill-Federazzjoni Russa jistgħu jiġu inklużi fl-ittra emendatorja, biex titqies is-sitwazzjoni li qed tevolvi fuq il-post. Ir-rispons tal-UE se jkompli jindirizza l-aktar ħtiġijiet immedjati inkluż id-distakk fil-finanzjament tal-Ukrajna, is-servizzi bażiċi u ewlenin, il-ħtiġijiet umanitarji u t-tiswija tal-aktar infrastruttura essenzjali. F'dan l-istadju, madankollu għadu prematur li jsiru proposti dwar il-ħtiġijiet addizzjonali relatati mal-irkupru u r-rikostruzzjoni fit-tul tal-Ukrajna. L-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni se jkollha impatt kemm fuq l-ammont kif ukoll fuq l-iskeda ta' żmien għall-mobilizzazzjoni tar-riżorsi finanzjarji f'dan ir-rigward.

### 2.1 Għajnuna Umanitarja

Il-gwerra Russa fl-Ukrajna ħolqot ħtieġa enormi għal għajnuna umanitarja, fil-pajjiż innifsu u globalment, b'mod partikolari fir-rigward tal-kriżi tal-ikel. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tistma li - bħala l-ewwel pass - huwa meħtieġ tisħiħ ta' EUR 150 miljun għall-2023 biex tingħata aktar għajnuna umanitarja lill-Ukrajna u tiġi indirizzata l-kriżi globali tal-ikel. Huwa probabbli li jkunu meħtieġa aktar rinforzi matul l-2023 jekk l-UE trid issostni l-assistenza umanitarja tagħha tal-2022 u tappoġġa l-għadd dejjem jikber ta' persuni fil-bżonn. Il-mobilizzazzjoni tal-finanzjament se tiddependi fuq id-disponibbiltajiet.

Din il-proposta tikkomplementa l-isforz kbir tal-baġit tal-UE u tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inkluż l-appoġġ addizzjonali ta' madwar EUR 750 miljun biex tissaħħaħ l-għajnuna umanitarja għall-Ukrajna u l-kriżi globali tal-ikel relatata fl-2022. Dan l-ammont jinkludi t-trasferiment propost ta' EUR 395 miljun mir-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza (DEC 18/2022) trażmessa fil-5 ta' Ottubru.

Barra minn hekk, il-baġit tal-UE se jkopri l-kostijiet tal-imgħax u l-pagamenti tat-tariffi amministrattivi marbuta mas-self marbut mal-ewwel żewġ segmenti tas-self eċċezzjonali tal-assistenza makrofinanzjarja (AMF) lill-Ukrajna ta' EUR 1 biljun (żborżati fil-bidu ta' Awwissu) u EUR 5 biljun rispettivament[4].

Fin-nuqqas ta' marġini jew sorsi oħra ta' riallokazzjoni fl-intestatura 6 (Viċinat u d-dinja), il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza l-Istrument ta' Flessibbiltà skont l-Artikolu 12 tar-

[4] COM(2022) 557, 7.9.2022.

Regolament QFP[5] għal ammont ta' EUR 150 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn. B'kont meħud tat-twassil rapidu mistenni tal-appoġġ, ammont ta' EUR 120 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament huwa meħtieġ ukoll fl-2023 biex ikopri l-azzjonijiet addizzjonali ta' għajnuna umanitarja proposti f'din l-ittra emendatorja.

*EUR*

| Linja baġitarja | Isem | Approprjazzjonijiet ta' impenn | Approprjazzjonijiet ta' pagament |
|---|---|---|---|
| *Taqsima III – Il-Kummissjoni* | | | |
| 14 03 01 | Għajnuna Umanitarja | 150 000 000 | 120 000 000 |
| **Total** | | **150 000 000** | **120 000 000** |

## 2.2 Erasmus+

Kważi nofs mill-erba' miljun refuġjat u aktar mill-Ukrajna li attwalment hemm fil-pajjiżi tal-UE huma tfal tal-età tal-iskola. L-integrazzjoni rapida u r-ritorn tagħhom lejn l-iskola, l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, se jgħinu biex itaffu l-istress psikoloġiku tagħhom, jagħtuhom sens ta' stabbiltà u perspettiva għall-futur. L-istess jgħodd għall-istudenti adulti Ukreni, filwaqt li l-persunal edukattiv Ukren spostat fil-pajjiżi tal-UE jista' jikkontribwixxi b'mod attiv biex jintlaħaq dan l-objettiv.

Matul l-2022, il-Kummissjoni orjentat mill-ġdid l-attivitajiet ewlenin l-aktar milquta taħt il-programm Erasmus+ biex tilqa' u tappoġġa aktar tfal tal-iskol, studenti, għalliema u persunal kwalifikat li qed jaħarbu mill-Ukrajna.

Sabiex jitkompla dan l-isforz fl-2023, l-allokazzjonijiet ippjanati bħalissa mhumiex biżżejjed u huwa meħtieġ tisħiħ tal-finanzjament, li l-Kummissjoni diġà indikat fl-Abbozz tal-Baġit. Il-Kummissjoni għalhekk tipproponi li ssaħħaħ il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn b'EUR 100 miljun permezz ta' frontloading mill-2027, b'kont meħud tal-profil backloaded ħafna tal-programm. Dan se jiġi rifless fl-aġġornament li jmiss tal-Ipprogrammar Finanzjarju.

Biex tiffinanzja l-frontloading fl-2023, il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza EUR 34,3 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn mill-marġni mhux allokat li jifdal taħt il-limitu massimu tan-nefqa tas-subintestatura 2b u EUR 65,7 miljun mill-Istrument ta' Flessibbiltà, f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament QFP. Ammont ta' EUR 80 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament huwa meħtieġ ukoll fl-2023 biex ikopri l-appoġġ addizzjonali proposti f'din l-ittra emendatorja.

*EUR*

| Linja baġitarja | Isem | Approprjazzjonijiet ta' impenn | Approprjazzjonijiet ta' pagament |
|---|---|---|---|
| *Taqsima III – Il-Kummissjoni* | | | |
| 07 03 01 01 | Il-promozzjoni tal-mobbiltà għat-tagħlim tal-individwi, kif ukoll il-kooperazzjoni, l-inklużjoni, l-eċċellenza, il-kreattività u l-innovazzjoni fil-livell ta' organizzazzjonijiet u politiki fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ — Ġestjoni indiretta | 100 000 000 | 80 000 000 |
| **Total** | | **100 000 000** | **80 000 000** |

# 3. KOSTIJIET TA' FINANZJAMENT TA' NEXTGENERATIONEU

Iż-żieda rapida u sostanzjali fir-rati tal-imgħax fis-swieq finanzjarji f'dawn l-aħħar xhur żiedet il-kostijiet ta' finanzjament għall-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI) meta mqabbla mal-ammont mitlub fl-AB 2023. Abbażi tal-projezzjonijiet attwali tar-rati tal-imgħax, il-volum tal-operazzjonijiet u ż-żieda fil-volatilità tar-rata tal-imgħax, il-Kummissjoni tistma li t-tisħiħ tal-linja tal-imgħax tal-EURI b'EUR 450 miljun huwa meħtieġ f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

---

5 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 ("ir-Regolament QFP").

Il-Kummissjoni tipproponi li talloka EUR 1 miljun minn dan it-tisħiħ għal-linja ta’ appoġġ amministrattiv tal-EURI. Dan se jiżgura monitoraġġ aħjar, ġestjoni tal-likwidità tas-suq u kapaċità addizzjonali anki fid-dawl taż-żieda fid-domanda għar-rapportar meħtieġa fis-snin li ġejjin. Dan it-titjib se jkun appoġġat mir-reklutaġġ ta’ massimu ta’ tmien aġent kuntrattwali addizzjonali biex jgħinu biex jintlaħqu l-objettivi varji ta’ hawn fuq. In-nefqa se tiġi kondiviża b’mod proporzjonali bejn il-Baġit tal-UE u l-Istati Membri li jkunu ħadu l-appoġġ ripagabbli tal-RRF.

Fid-dikjarazzjoni unilaterali tagħha mehmuża mal-baġit tal-2022, il-Kummissjoni fakkret li ż-żieda fl-inflazzjoni titlob prudenza baġitarja msaħħa fir-rigward tal-ġestjoni tal-linja tal-imgħax tal-EURI fid-dawl tal-possibbiltà li r-rati tal-imgħax nominali jkunu ogħla minn dawk preżunti fl-ipprogrammar ta’ din il-linja, u dan ġie kkonfermat mill-evoluzzjonijiet fis-suq din is-sena.

F’dak l-isfond, minħabba n-nuqqas ta’ marġni fis-subintestatura 2b, huwa propost li jiġi mobilizzat l-Istrument ta’ Marġini Uniku għall-ammont globali ta’ EUR 450 miljun, abbażi tal-Artikolu 11(1)a tar-Regolament QFP, bl-użu ta’ marġnijiet li għadhom disponibbli taħt il-limiti massimi tal-QFP għall-approprjazzjonijiet ta’ impenn tas-snin preċedenti. Minħabba li l-ammont meħtieġ fl-2023 se jiddependi fuq ir-rati tal-imgħax tas-self meħud sa tmiem l-2022 u l-volum tal-operazzjonijiet, il-Kummissjoni biħsiebha tipprovdi aġġornament f’waqtu tal-ħtiġijiet għall-2023 matul il-perjodu ta’ konċiljazzjoni, bl-użu tal-aħħar informazzjoni disponibbli dwar il-ħruġ fl-2022.

*EUR*

| Linja baġitarja | Isem | Approprjazzjonijiet ta’ impenn | Approprjazzjonijiet ta’ pagament |
|---|---|---|---|
| *Taqsima III – Il-Kummissjoni* | | | |
| 06 01 03 | Nefqa ta’ appoġġ għall-Istrument ta’ Rkupru tal-Unjoni Ewropea (EURI) | 1 000 000 | 1 000 000 |
| 06 04 01 | Strument ta’ Rkupru tal-Unjoni Ewropea (EURI) – Il-ħlas ta’ kupun perjodiku u l-fidi tal-maturità | 449 000 000 | 449 000 000 |
| **Total** | | **450 000 000** | **450 000 000** |

## 4. Tisħiħ tal-kapaċità ta’ rispons tal-UE għall-kriżijiet fil-ġlieda kontra n-nirien fil-foresti

Il- (UCPM) jiffinanzja miżuri kruċjali ta’ protezzjoni ċivili bħall-ġlieda kontra n-nirien fil-foresti. Fis-sajf tal-2022, in-nirien fil-foresti bdew qabel milli fis-snin preċedenti u kellhom intensità akbar. In-nirien fil-foresti jirriskjaw li jespandu għal żoni li qabel ma kinux esposti u li jikkawżaw vittmi fost il-pompiera kif ukoll qerda kbira ta’ proprjetajiet u telf fuq skala kbira ta’ żoni naturali protetti. Skont l-ambjent naturali, in-nirien fil-foresti kellhom karatteristiċi u kobor differenti; minbarra l-inġenji tal-ajru kbar, kapaċità effettiva tat-tifi tan-nar teħtieġ tagħmir flessibbli bħal ajruplani ħfief, ħelikopters u assi tal-art biex ilaħħqu ma’ ċirkostanzi li jvarjaw. Id-disponibbiltà limitata ta’ dawn il-kapaċitajiet speċjalizzati tibqa’ dgħufija kbira għar-rispons tal-UE għall-kriżijiet.

Minbarra l-proposti inklużi fl-Abbozz ta’ Baġit Emendatorju 5/2022, il-Kummissjoni tipproponi li tkompli ssaħħaħ l-UCPM fl-2023 b’ammont addizzjonali ta’ EUR 41,4 miljun f’approprjazzjonijiet ta’ impenn. Skont l-ippjanar attwali, il-flotta tal-ajru permanenti rescEU se ssir disponibbli progressivament biss bejn l-2026 u l-2030. Dan it-tisħiħ għandu l-għan, minn naħa, li jħaffef l-akkwist u min-naħa l-oħra li jiżgura l-kiri ta’ ħelikopters u ajruplani ħfief għas-sajf tal-2024. Qed jintalab ammont ta’ EUR 14,4-il miljun biex jitħaffef l-iżvilupp ta’ flotta permanenti tar-rescEU permezz tal-akkwist mill-Istati Membri ta’ ħelikopters tal-UCPM, li se jsiru disponibbli fl-2024. L-ammont ta’ EUR 14,4-il miljun imbagħad jiġi kkumpensat bi tnaqqis korrispondenti fl-2026 u l-2027. Dan se jiġi rifless fl-aġġornament li jmiss tal-Ipprogrammar Finanzjarju. Is-EUR 27 miljun li jifdal f’approprjazzjonijiet ta’ impenn ta’ dan it-tisħiħ huma maħsuba għall-kiri ta’ ħelikopters u ajruplani ħfief, sabiex ikunu kompletament operattivi matul l-istaġun tan-nirien fil-foresti tas-sajf tal-2024.

Biex jiġi ffinanzjat dan ir-rinforz fl-2023, fin-nuqqas ta’ marġini fis-subintestatura 2b, il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza l-Istrument ta’ Flessibbiltà skont l-Artikolu 12 tar-Regolament QFP għal ammont ta’ EUR 41,4 miljun f’approprjazzjonijiet ta’ impenn.

Peress li t-tisħiħ tal-UCPM fl-ABE 5/2022 u l-IE 1/2023 se jammonta b'mod kumulattiv għal EUR 180 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn, EUR 70 miljun huma meħtieġa f'approprjazzjonijiet ta' pagament fl-2023.

*EUR*

| Linja baġitarja | Isem | Approprjazzjonijiet ta' impenn | Approprjazzjonijiet ta' pagament |
|---|---|---|---|
| *Taqsima III – Il-Kummissjoni* | | | |
| 06 05 01 | Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (rescEU) | 41 430 541 | 70 000 000 |
| **Total** | | **41 430 541** | **70 000 000** |

## 5. Tisħiħ tal-Industrija tad-Difiża Ewropea permezz tal-Att dwar l-Akkwist Komuni (EDIRPA)

Ir-rispons għall-gwerra Russa fl-Ukrajna enfasizza l-ħtieġa għal aktar kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża. Biex tindirizza l-lakuni eżistenti fl-investiment fid-difiża, il-Kummissjoni pproponiet li tistabbilixxi strument iddedikat fuq terminu qasir, l-Att dwar it-Tisħiħ tal-Industrija tad-Difiża Ewropea permezz tal-Akkwist Komuni (EDIRPA), b'pakkett finanzjarju ta' EUR 500 miljun fil-perjodu mill-2022 sal-2024[6]. L-appoġġ finanzjarju tal-UE li għandu jsir disponibbli permezz tal-istrument il-ġdid għandu jistimula l-akkwist kooperattiv fil-qasam tad-difiża li jinvolvi diversi Stati Membri u jkun ta' benefiċċju għall-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea filwaqt li jiżgura li l-forzi armati tal-Istati Membri jkunu jistgħu jaġixxu, b'sigurtà tal-provvista u interoperabbiltà akbar.

F'konformità mad-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva li takkumpanja l-proposta tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni tipproponi li toħloq żewġ linji baġitarji ddedikati għall-appoġġ amministrattiv u għan-nefqa operazzjonali f'din l-ittra emendatorja 1/2023, b'ammont ta' EUR 157 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn f'riżerva fl-2023, sabiex l-ammont totali li jsir disponibbli għall-2022 u l-2023 jammonta għal EUR 240 miljun. Sabiex jiġi ffinanzjat dan l-ammont għall-2023, huwa propost li jiġi kkombinat il-marġni sħiħ mhux allokat taħt l-intestatura 5 (Sigurtà u Difiża) fl-2023 ta' EUR 44,9 miljun u l-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà għall-ammont li jifdal ta' EUR 112,1-il miljun. Meta jitqies iż-żmien meħtieġ biex jinbdew l-operazzjonijiet, il-ħtiġijiet ta' pagament fl-2023 huma stmati għal EUR 72 miljun. Il-finanzjament taħt l-istrument se jieħu prinċipalment il-forma ta' għotjiet u l-pagamenti previsti huma prinċipalment relatati mal-prefinanzjament. Il-modalitajiet tal-pagament huma simili għall-Fond Ewropew għad-Difiża (jiġifieri, tliet pagamenti għal kull għotja, inkluż mill-inqas prefinanzjament wieħed).

*EUR*

| Linja baġitarja | Isem | Approprjazzjonijiet ta' impenn | Approprjazzjonijiet ta' pagament |
|---|---|---|---|
| *Taqsima III – Il-Kummissjoni* | | | |
| 13 06 01 | Strument għad-Difiża għal żmien qasir b'appoġġ għall-akkwist komuni | p.m. | p.m. |
| 30 02 02 | Approprjazzjonijiet differenzjati *(Riżerva għall-artikolu baġitarju 13 06 01)* | 157 027 699 | 72 000 000 |
| 13 01 04 | Appoġġ għan-nefqa għal Strument għad-Difiża għal żmien qasir b'appoġġ għall-akkwist komuni | p.m. | p.m. |
| **Total** | | **157 027 699** | **72 000 000** |

## 6. Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG)

L-IE 1/2023 taġġorna l-istimi għan-nefqa agrikola abbażi tal-aktar *data* ekonomika u qafas leġiżlattiv aġġornati. Sa Settembru 2022, il-Kummissjoni kellha għad-dispożizzjoni tagħha l-ewwel indikazzjoni tal-livell ta' produzzjoni għall-2022, u l-perspettiva għas-swieq agrikoli kif ukoll iċ-ċifri attwali għall-

[6] COM(2022) 349, 19.7.2022.

biċċa l-kbira tal-eżekuzzjoni baġitarja tal-2022 rigward il-ġestjoni kondiviża tal-FAEG, li huma l-bażi għall-istimi aġġornati tal-ħtiġijiet baġitarji għall-2023.

Minbarra li tikkunsidra l-fatturi tas-suq, l-IE 1/2023 tinkorpora wkoll l-impatt tad-deċiżjonijiet leġiżlattivi fis-settur agrikolu minn meta ġie adottat l-AB 2023 f'Lulju 2022, kif ukoll l-aktar informazzjoni riċenti dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK.

B'mod ġenerali, il-ħtiġijiet tal-FAEG għall-2023, inkluża r-riżerva għall-agrikoltura (li hija ffinanzjata kompletament mid-disponibbiltajiet tal-FAEG), issa huma stmati li huma EUR 41 324,2 miljun[7]. Din hija żieda ta' EUR 175 miljun meta mqabbla mal-AB 2023, li hija dovuta l-aktar għal ħtiġijiet addizzjonali ta' EUR 178 miljun għall-partita 08 02 06 01 "Korrezzjonijiet finanzjarji favur l-Istati Membri wara l-approvazzjoni tal-kontijiet u d-deċiżjonijiet tal-approvazzjoni tal-konformità", marbuta mal-każijiet tal-Qorti. Barra minn hekk, hemm tnaqqis limitat (EUR 12,0-il miljun) fil-ħtiġijiet għall-Artikolu 08 02 05 "Pagamenti diretti barra mill-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK". Fir-rigward tal-miżuri tas-suq, il-bidla ewlenija tikkonsisti f'bidla tan-nefqa bejn l-Artikoli relatati 08 02 02 "Tipi ta' interventi f'ċerti setturi taħt il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK" u 08 02 03 "Nefqa relatata mas-suq barra mill-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK", skont l-għażliet ta' implimentazzjoni tal-Istati Membri. Dan huwa r-riżultat tal-analiżi tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK avvanzati, li ma kinux disponibbli fiż-żmien tat-tħejjija tal-AB 2023. L-impatt globali huwa żieda limitata ta' EUR 8 miljun.

L-ammont ta' dħul assenjat li mistenni jkun disponibbli fl-2023 jiżdied minn EUR 457,0 miljun fl-AB 2023 għal EUR 632,0 miljun (+EUR 175,0 miljun), u b'hekk ikopri bis-sħiħ il-ħtiġijiet addizzjonali. L-aġġornament jikkonċerna l-ammonti li joriġinaw mid-deċiżjonijiet tal-approvazzjoni tal-kontijiet.

Id-dixxiplina finanzjarja applikata fil-baġit tal-2022 biex tiġi stabbilita r-riżerva għall-kriżijiet kienet tammonta għal EUR 497,3 miljun. Ir-riżerva għall-kriżijiet tal-2022 ġiet attivata b'EUR 350 miljun biex tkopri parzjalment l-għajnuna ta' aġġustament eċċezzjonali adottata f'Marzu 2022 b'reazzjoni għall-kriżi kkawżata mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, u l-ammont li jifdal ta' EUR 147,3 miljun mhux se jintuża. Minħabba li l-AB 2023 jipprevedi li r-riżerva għall-agrikoltura tal-2023 tkun iffinanzjata bis-sħiħ mid-disponibbiltajiet tal-FAEG, u f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament Orizzontali[8], il-parti mhux użata tar-riżerva għall-kriżijiet tal-2022 se tiġi rimborżata lill-bdiewa.

Barra minn hekk, skont l-Artikolu 12(2)(d) tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe surplus fl-2022 sal-ammont tad-dixxiplina finanzjarja attwalment applikata se jiġi riportat għall-2023 għal rimborż lill-bdiewa biex jikkumpensahom għall-ammont li jifdal tat-tnaqqis minħabba d-dixxiplina finanzjarja fl-2022. F'dan l-istadju, l-analiżi tal-eżekuzzjoni tal-baġit tal-FAEG għall-2022 ma tindikax surplus, lil hinn mill-ammont tad-dixxiplina finanzjarja attwalment applikat.

Bħala riżultat ta' dawn l-aġġornamenti, l-ammont ta' approprjazzjonijiet ta' impenn jibqa' l-istess, jiġifieri EUR 40 692,2 miljun, li jinkludi EUR 450 miljun għar-riżerva agrikola. Dan l-ammont globali jikkorrispondi mal-bilanċ nett disponibbli għall-FAEG, inkluż l-effett tan-notifiki tal-Istati Membri fuq it-trasferimenti bejn il-pagamenti diretti u l-iżvilupp rurali, u ma jħalli l-ebda marġni.

## 7. Aġġornament tal-Ftehimiet ta' Sħubija dwar Sajd Sostenibbli

Il-Kummissjoni eżaminat l-aktar informazzjoni reċenti disponibbli dwar il-Ftehimiet ta' Sħubija dwar Sajd Sostenibbli (SFPAs) u rrieżaminat il-ħtiġijiet mistennija għall-2023 abbażi tal-iżviluppi fil-proċessi tan-negozjati mal-pajjiżi terzi involuti, kif previst fil-punt C tal-Parti II tal-Ftehim

7 L-ammont tal-ħtiġijiet jikkorrispondi għal EUR 40 692,2 miljun f'approprjazzjonijiet ġodda kif ukoll EUR 632,0 miljun fi dħul assenjat.

8 Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013

Interistituzzjonali (IIA)[9]. Abbażi ta' dan ir-rieżami, il-Kummissjoni tipproponi li ċċaqlaq approprjazzjonijiet ta' impenn u pagament għal ammont ta' EUR 725 000 mir-riżerva (artikolu baġitarju 30 02 02) għall-artikolu operazzjonali (08 05 01 *Stabbiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni f'ilmijiet ta' pajjiżi terzi*). Dan it-trasferiment newtrali għall-baġit huwa relatat mal-Ftehim dwar is-Sajd mal-Mawrizju, li għalih il-ftehim se jibda japplika b'mod proviżorju sal-31 ta' Diċembru 2022.

L-approprjazzjonijiet ta' impenn totali disponibbli fir-riżerva (EUR 48,7 miljun) u fil-linja operazzjonali ewlenija (EUR 107,6 miljun) jibqgħu l-istess, u jammontaw għal EUR 156,3 miljun.

*f'EUR*

| **Linja baġitarja** | **Isem** | **Approprjazzjonijiet ta' impenn** | **Approprjazzjonijiet ta' pagament** |
|---|---|---|---|
| *Taqsima III – Il-Kummissjoni* | | | |
| 08 05 01 | Stabbiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni f'ilmijiet ta' pajjiżi terzi | 725 000 | 725 000 |
| 30 02 02 | Approprjazzjonijiet differenzjati (*Riżerva għall-artikolu baġitarju 08 05 01)* | - 725 000 | - 725 000 |
| **Total** | | **0** | **0** |

## 8. ĦTIĠIJIET ADDIZZJONALI F'APPROPRJAZZJONIJIET TA' PAGAMENT GĦALL-KOEŻJONI

Mill-adozzjoni tal-AB 2023 f'Ġunju, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta "Assistenza Flessibbli għat-Territorji" (FAST-CARE)[10] biex tgħin lill-Istati Membri jindirizzaw il-konsegwenzi tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Kif stabbilit fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva mehmuża mal-proposta, dan iwassal għal żieda fil-prefinanzjament tal-programmi tal-FEŻR, tal-FSE+ u tal-Fond ta' Koeżjoni fl-2022 u fl-2023. Għall-2023, ammont addizzjonali ta' EUR 1,74 biljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament ikun meħtieġ għas-subintestatura 2a (Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali) meta mqabbel mal-Abbozz ta' Baġit.

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-previżjonijiet aġġornati tal-Istati Membri għan-nefqa tal-Koeżjoni għall-2023, kif riċevuta fl-aħħar ta' Lulju, ikkonfermat is-suppożizzjonijiet tal-Kummissjoni li jirfdu t-talba tal-Abbozz tal-Baġit. Bl-elementi l-oħra kollha ndaqs, il-Kummissjoni issa qed tipproponi li żżid l-EUR 1,74 biljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament għall-proposta FAST-CARE, kif muri fit-tabella ta' hawn taħt.

*EUR*

| **Linja baġitarja** | **Isem** | **Approprjazzjonijiet ta' impenn** | **Approprjazzjonijiet ta' pagament** |
|---|---|---|---|
| *Taqsima III – Il-Kummissjoni* | | | |
| 07 02 01 | Il-fergħa tal-FSE+ b'ġestjoni kondiviża — Nefqa operazzjonali | 0 | 476 247 927 |
| 05 02 01 | FEŻR — Nefqa operazzjonali | 0 | 1 088 741 009 |
| 05 03 01 | Fond ta' Koeżjoni (FK) — Nefqa operazzjonali | 0 | 178 011 064 |
| **Total** | | **0** | **1 743 000 000** |

## 9. NEFQA TA' SOSTENN AMMINISTRATTIV TAL-PROGRAMMI

Ħafna programmi pluriennali tal-UE jipprovdu għan-nefqa ta' appoġġ teknika u amministrattiva marbuta direttament mal-implimentazzjoni tal-programmi operazzjonali u ffinanzjati mill-pakkett finanzjarju tal-programm. Din in-nefqa ta' appoġġ tekniku u amministrattiv hija identifikata b'mod ċar fil-baġit tal-UE, u l-approprjazzjonijiet relatati jintużaw biex jitwettqu attivitajiet bħall-

[9] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda, ĠU L 433, 20.12.2020, p. 28.

[10] COM(2022) 325, 29.6.2022.

evalwazzjoni ta' sejħiet għal proposti, studji, sistemi ta' informazzjoni, laqgħat tal-esperti u awditi, li huma meħtieġa biex jinkiseb valur għall-flus u tiġi żgurata ġestjoni finanzjarja tajba.

Għal ċerti programmi, in-nefqa ta' sostenn amministrattiv tintuża wkoll biex tiffinanzja persunal estern. F'każijiet bħal dawn, ir-rimarki tal-baġit jinkludu referenza għall-finanzjament possibbli ta' persunal estern. Minħabba ż-żieda fl-ammont ta' xogħol għall-ġestjoni ta' programmi li qed jikbru, il-Kummissjoni tipproponi li testendi l-possibbiltà li jiġi reklutat persunal estern taħt il-linji tan-nefqa ta' sostenn amministrattiv għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF), l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi (BMVI) u l-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF), għal total ta' mhux aktar minn 20 membru ta' persunal estern. Dan il-persunal estern addizzjonali jista' jiġi ffinanzjat mill-approprjazzjonijiet eżistenti għal-linji relatati tan-nefqa ta' sostenn amministrattiv fl-Abbozz tal-Baġit. Il-bidliet korrispondenti għar-rimarki tal-baġit huma stabbiliti fl-anness baġitarju.

Bl-istess mod, il-Kummissjoni tipproponi li tippermetti r-reklutaġġ ta' massimu ta' tmien membri ta' persunal estern biex jassistu fil-ġestjoni tal-Fond għall-Innovazzjoni fil-Kummissjoni. Il-membri tal-persunal addizzjonali għall-implimentazzjoni tal-Fond għall-Innovazzjoni jistgħu jiġu ffinanzjati mid-dħul assenjat estern eżistenti, iżda dan jirrikjedi l-ħolqien ta' linja baġitarja ġdida għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv fil-Kummissjoni.

It-tabella ta' hawn taħt turi l-ħolqien propost tal-linja baġitarja l-ġdida għan-nefqa ta' sostenn għall-Fond għall-Innovazzjoni.

| Linja baġitarja | Isem | Approprjazzjonijiet ta' impenn | Approprjazzjonijiet ta' pagament |
|---|---|---|---|
| 16 01 02 01 | Nefqa ta' sostenn għall-Fond għall-Innovazzjoni | p.m. | p.m. |

Il-Kummissjoni tipproponi wkoll li tirrekluta sa 15-il membru ta' persunal estern addizzjonali għall-implimentazzjoni tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), fir-rigward tal-kompiti addizzjonali maħluqa mill-istatus ta' kandidat tal-UE tal-Ukrajna u tar-Repubblika tal-Moldova, il-proċess ta' monitoraġġ tal-Georgia, u l-ħidma preparatorja meħtieġa għall-appoġġ futur għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna. Il-Kummissjoni tipproponi li tiffinanzja dan il-persunal addizzjonali fil-linja ta' sostenn amministrattiv mill-Prinċipji Fundamentali tal-IPA, mill-politiki tal-Unjoni u mil-linja baġitarja kuntatti bejn il-persuni u mil-linja baġitarja Investiment għat-Tkabbir u l-Impjiegi tal-IPA.

It-tabella ta' hawn taħt turi l-aġġustamenti proposti għall-approprjazzjonijiet biex tissaħħaħ in-nefqa ta' appoġġ għall-IPA.

| Linja baġitarja | Isem | Approprjazzjonijiet ta' impenn | Approprjazzjonijiet ta' pagament |
|---|---|---|---|
| 15 01 01 01 | Nefqa ta' appoġġ għall-IPA | 1 300 000 | 1 300 000 |
| 15 02 01 01 | Prinċipji fundamentali, politiki tal-Unjoni u kuntatti bejn il-persuni — Tħejjija għall-adeżjoni | -700 000 | -700 000 |
| 15 02 02 01 | Investiment għat-Tkabbir u l-Impjiegi — Tħejjija għall-adeżjoni | -600 000 | -600 000 |
| **Total** | | **0** | **0** |

Fl-aħħar nett, fid-dawl tal-eżitu tal-proċedura leġiżlattiva għall-Att dwar is-Servizzi Diġitali[11], li jirrikjedi persunal addizzjonali meta mqabbel mal-proposta inizjali tal-Kummissjoni biex titwettaq ħidma preparatorja sakemm jasal iż-żmien meta jkunu jistgħu jinġabru t-tariffi, il-Kummissjoni tipproponi li jiġi permess ir-reklutaġġ ta' massimu ta' 40 membru ta' persunal estern, li għandhom jiġu ffinanzjati permezz ta' trasferiment mil-linja ta' sostenn amministrattiv tal-programm Ewropa Diġitali għal-linja baġitarja għan-nefqa relatata mal-Att dwar is-Servizzi Diġitali introdotta mill-AB 2023.

It-tabella ta' hawn taħt turi l-aġġustamenti proposti għall-approprjazzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali.

[11] COM(2020) 825, 15.12.2020.

| Linja bağitarja | Isem | Approprjazzjonijiet ta' impenn | Approprjazzjonijiet ta' pagament |
|---|---|---|---|
| 02 01 30 01 | Nefqa ta' appoġġ għall-Programm Ewropa Diġitali | -3 500 000 | -3 500 000 |
| 02 20 03 05 | Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA) - Superviżjoni ta' Pjattaformi Online Kbar Ħafna | 3 500 000 | 3 500 000 |
| **Total** | | **0** | **0** |

## 10. AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI U L-UFFIĊĊJU TAL-PROSEKUTUR PUBBLIKU EWROPEW

### 10.1 L-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA)

Il-proposta ReFuelEU Aviation[12] għandha l-għan li tiżgura kundizzjonijiet ekwi għat-trasport bl-ajru sostenibbli u dan jinvolvi kompiti addizzjonali għall-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA), b'mod partikolari biex tipprovdi *data* dwar l-ippumpjar tal-fjuwil tal-avjazzjoni fl-ajruporti tal-Unjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Jekk wieħed jassumi l-adozzjoni tal-proposta leġiżlattiva b'effett mill-2022, l-AB 2023 jinkludi ammont speċifiku għal dan l-għan fil-linja ta' riżerva ta' EUR 2,3 miljun. Madankollu, minħabba l-istat tal-proċedura leġiżlattiva, huwa propost li jiġi rivedut bi ftit il-profil tal-impatt bağitarju tal-proposta fuq l-EASA, u li l-ammont fir-riżerva jiżdied minn EUR 2 280 000 (kif oriġinarjament previst għall-2023) għal EUR 2 520 000, u li ż-żieda korrispondenti ta' EUR 240 000 tiġi paċuta mill-artikolu bağitarju 02 03 01 tat-trasport tas-CEF, bl-istess mod bħall-ammont inizjali. Dan ma għandux impatt fuq il-livelli tal-persunal tal-EASA. Minħabba d-dewmien fl-adozzjoni tal-att bażiku, huwa propost li l-ammont oriġinarjament previst għall-2022 jiġi rritornat lill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa — il-linja bağitarja tat-Trasport fl-Abbozz tal-Baġit Emendatorju 5/2022.

| Linja bağitarja | Isem | Approprjazzjonijiet ta' impenn | Approprjazzjonijiet ta' pagament |
|---|---|---|---|
| 02 03 01 | Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) — Trasport | -240 000 | -240 000 |
| 30 02 02 | Approprjazzjonijiet differenzjati (*Riżerva għall-artikolu bağitarju 02 10 01*) | 240 000 | 240 000 |
| **Total** | | **0** | **0** |

### 10.2 L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)

Il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar ir-restawr tan-natura[13] tagħti kompiti addizzjonali lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) fil-qasam tal-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-evalwazzjoni tal-progress dwar ir-restawr tan-natura. Sabiex twettaq dawn il-kompiti addizzjonali, wara l-adozzjoni tal-proposta mill-koleġiżlaturi, l-EEA tissaħħaħ b'seba' karigi fil-pjan ta' stabbiliment u ħames aġenti kuntrattwali. It-tisħiħ relatat tal-kontribuzzjoni tal-UE għaż-EEA ta' EUR 2,3 miljun fl-2023 għall-finanzjament tan-nefqa tal-persunal u tal-IT huwa propost li jiġi paċut mill-programm LIFE. Dan l-ammont jinżamm fil-linja ta' riżerva sal-adozzjoni finali tal-proposta.

Barra minn hekk, id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' bażijiet ta' *data* għall-informazzjoni pprovduta mill-istati membri skont id-Direttiva Seveso III[14] tafda lill-EEA bl-iżvilupp mill-ġdid, it-tħaddim u l-manutenzjoni ta' dawn il-bażijiet ta' *data*. Sabiex twettaq dawn il-kompiti addizzjonali, l-aġenzija teħtieġ tliet karigi fil-pjan ta' stabbiliment, aġent kuntrattwali wieħed u kontribuzzjoni addizzjonali mill-UE ta' EUR 0,5 miljun fl-2023, u qed jiġi propost li jiġu paċuti mill-programm LIFE ukoll.

12 COM(2021) 561, 14.7.2021.

13 Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fit-22 ta' Ġunju 2022, dwar ir-restawr tan-natura (COM(2022) 304).

14 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-31.8.2022 li tistabbilixxi l-formula u l-bażi ta' *data* għall-komunikazzjoni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 18(1) u 21(3) tad-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikolużi u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (2014/895/UE (C(2022) 6124 final).

| Linja baġitarja | Isem | Approprjazzjonijiet ta' impenn | Approprjazzjonijiet ta' pagament |
|---|---|---|---|
| 09 02 01 | Natura u bijodiversità | -2 301 604 | -2 301 604 |
| 09 02 02 | Ekonomija ċirkolari u kwalità tal-ħajja | -495 570 | -495 570 |
| 09 10 02 | L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent | 495 570 | 495 570 |
| 30 02 02 | Approprjazzjonijiet differenzjati (*Riżerva għall-artikolu baġitarju 09 10 02*) | 2 301 604 | 2 301 604 |
| **Total** | | **0** | **0** |

Il-pjan ta' stabbiliment aġġornat huwa ppreżentat fl-anness baġitarju.

### 10.3 L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL)

L-AB 2023 fih għadd stabbli ta' 33 kariga fil-pjan ta' stabbiliment għas-CEPOL. Madankollu, sabiex l-aġenzija tkun tista' tattira persunal kwalifikat u meta titqies l-istruttura tal-persunal tagħha, il-Kummissjoni tipproponi li tliet karigi AST5 jiġu kklassifikati mill-ġdid f'karigi AD5. Barra minn hekk, qed jiġi propost li jiġi rivedut it-tqassim eżistenti tal-karigi fil-gradi tal-pjan ta' stabbiliment sabiex tiġi akkomodata r-rata ta' riklassifikazzjoni naturali tal-persunal. Dan ma għandux impatt baġitarju.

Il-pjan ta' stabbiliment aġġornat huwa ppreżentat fl-anness baġitarju.

### 10.4 L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)

L-AB 2023 fih għadd stabbli ta' 171 kariga fil-pjan ta' stabbiliment għas-EPPO. Madankollu, minħabba żball klerikali, it-tqassim ta' dawn il-karigi fil-gradi tal-pjan ta' stabbiliment fl-Abbozz ta' Baġit ma jagħtix lill-UPPE l-ispazju meħtieġ għall-immanuvrar biex jirrekluta u jikklassifika mill-ġdid il-persunal. Qed jiġi propost li jiġi kkoreġut it-tqassim tal-karigi kif xieraq, u dan ma għandux impatt baġitarju.

Il-pjan ta' stabbiliment aġġornat huwa ppreżentat fl-anness baġitarju.

### 10.5 Trasferimenti mir-riżervi għal-linji operazzjonali tal-aġenziji deċentralizzati minħabba l-adozzjoni ta' atti legali.

Minħabba l-adozzjoni tal-atti legali li ġejjin mill-koleġiżlaturi, il-Kummissjoni tipproponi li tittrasferixxi l-ammonti attwalment imqiegħda f'riżervi għall-implimentazzjoni ta' dawn l-atti legali lejn il-linji operazzjonali tal-aġenziji deċentralizzati kkonċernati:

